**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 6098/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Neculai Dogaru**

**Illum, 12 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Neculai Degaru** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0048505L**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' April 2023, ghall-habta tal-12:30hrs, f'Triq Fisher, gewwa l-lokalita' ta' l-Imġarr,:-

1. Saq vettura Numru XER-082 b' manjera traskurata;

2. Saq jew ipprova jsuq jew ikollu kontroll tal-imsemmija vettura Nru. XER-082 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

3. U aktar naqas jew irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jagħmel hekk skond il-liġi;

4. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat, storbju jew b'mod ieħor,

5. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista jieħu ħsieb tiegħu nnifsu jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li kellu l-ħsieb tal-imsemmija vettura, inkella waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq in-nies jew għamel l-istorbju,

6. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS826 M. Parnis, PC292 M. Frendo u PC564 I. Schembri, persuni inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mgħoti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Novembru 2024, wara li rat l-akkużi u l-atti proċesswali u semgħet ix-xhieda, illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet akkuża, filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel, ir-raba', il-ħames u s-sitt u kkundannatu għal piena karċerarja ta' sitt xhur, u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000.00). In oltre ordnat l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal sena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Neculai Dogaru, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

a) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet;
b) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, ir-raba', il-ħames u s- sitt imputazzjonijiet u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta'

tali reati indikati u tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena skond il-liġi; u;

c) Rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s- sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. Illi l-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Qorti u jixtieq umilment jissolleva l-fatt illi hu qatt ma ngħata sentenza dattilografata li tiġbor fiha l-fatti, l-artikoli tal-liġi li fuqhom instabet ħtija o meno, kif ukoll indikazzjoni ċara ta' liema piena ingħatat għal-liema imputazzjoni. Inoltre, il-motivazzjoni tal-Qorti hija għal kollox nieqsa u dan, speċjalment meta ingħatat piena ta' priġunerija effettiva, poġġa lill-appellant f'pożizzjoni svantaġġata meta ġie biex jeżerċita d-dritt tiegħu li jappella.

B. Illi, umilment jiġi sottomess lill-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi;

C. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal- appellant hija wahda eċċessiva;

D. Nuqqas ta' sentenza izda biss notamenti tal-Magistrat sedenti minghajr ebda motivazzjoni

Illi jibda biex jispjega l-appellant li wara li l-Ewwel Qorti tat id-deċiżjoni mertu ta' dan l-appell, huwa talab aktar minn darba kopja tas-sentenza lid-Deputat Reġistratur quddiem l-Ewwel Qorti. Nhar it-tlettax (13) ta' Novembru, cioe' tmint-ijiem wara s-seduta u meta t-terminu tal-appell kien diġa' iddekorra nofsu, irċieva kopja tal-

komparixxi bin-notamenti miktuba mill-Maġistrat sedenti a suo pugno. L-appellant umilment jissottometti illi dawk in-notamenti ma jistgħux jissostitwixxu s-sentenza vera u proprja miktuba skond ir-rekwiziti formali rikjesti mil-liġi. Kif fil-fatt qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-għoxrin (20) ta' Diċembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hassan Jama Hassan Chaharou Ibrahim**:

> "*Il-gurisprudenza tqis ufficjali u li tikkostitwixxi stat kontra terzi dik il-kopja tas-sentenza ffirmata mid-Deputat Registratur, aktar milli dawk l-appunti li l-Magistrat ikun nizzel di proprio pugno fuq il-komparixxi jew x'imkien iehor fuq l-inkartament tal-kawza.*

Fil-kaz tal-appellant, mhux biss ma ngħatax kopja ta' sentenza iżda n-notamenti tal-Maġistrat ma jindikawx għal-liema imputazzjoni/ijiet ingħatat il-piena ta' sitt xhur priġunerija u għal-liema ngħatat il-multa ta' €5,000. Inoltre id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhix motivata b'tali mod li torbot l-imputazzjonijiet li tagħhom instabet ħtija mal-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni. Fuq din il-materja il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess sentenza appena ċċitata osservat:

Il-Liġi Penali ma tagħmilhiex obbligatorja fuq il-Qrati tal-Maġistrati li jimmotivaw is-sentenzi tagħhom meta dawn iwasslu għal sejbien ta' ħtija.... Jibqa' l-fatt li huwa dejjem konsiljabbli, b'mod partikolari fil-kuntest ġuridiku attwali fejn il-kompetenza estiża ta' dik il-Qorti twassal għal sentenzi ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il sena li dawk il-Qrati jimmotivaw is-sentenzi tagħhom fejn jiġu wkoll deċiżi kwistjonijiet ta' liġi.

Illi dan kollu poġġa lill-appellant f'pożizzjoni żvantaġġata meta ġie biex jappella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li kienet għal kollox nieqsa mir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti biex tiddeċiedi fuq il-ħtija o meno u tikkalibra l-piena relattiva a bażi tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni li, fl-umli opinjoni tal-appellant, kienu daqstant ieħor karenti.

**B. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Liġi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Ħtija tal-ewwel, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;**

i. **Prinċipji Ġenerali**

Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, 1- Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tiegħu, filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi u del resto, anke' jghallmuna l-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew għaqal li jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi tagħha u cioe' tal- Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l- akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> "*Il cosi' detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa incumbit qui osservit.*" *onus probandi*

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra

ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li 1- ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas qas ta' provi.

**ii. Nuqqasijiet formali u procedurali tal-Prosekuzzjoni**

Fl-ewwel lok, kien hemm nuqqasijiet formali u procedurali fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. L-erba' ufficjali tal-pulizija li tressqu bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni, cioe PS826, PC292, PC564 u PC1002, xehdu permezz ta' affidavits li jifformaw parti mill- process. Wiehed mill-affidavits, cioe' dak ta' PC564 Isaac Schembri, ma jindikax il-lok ta' fejn ittiehdet ix-xhieda u ghaldaqstant ghandu jitqies bhala inammissibbli bhala prova kontra l-appellant. Il-bodycam footages tal-erba' ufficjali kienu pprezentati bhala evidenza mill-ufficjal prosekutur. Izda l-ebda wiehed mill-erba' ufficjali ma kien imsejjah quddiem il-Qorti sabiex jikkonferma illi tali footages kienu fil-fatt dawk rrekordjati bil-cameras taghhom jew ta' min minnhom. Ghaldaqstant, dawn il-footages ukoll, fl-umli fehma tal- appellant, ma kellhomx jitqiesu bhala prova kontrih.

**iii Apprezzament zbaljat tal-provi u applikazzjoni zbaljata tal-Ligi**

Dak li jgħidu l-erba' uffiċjali tal-pulizija fl-affidavits tagħhom dwar dak li suppost għamel l-appellant qabel ma huma ġew imsejjħa fuq il-post, hu kollu bbażat fuq dak li allegatament ntqal lilhom mill-uffiċjali tal-LESA li talbu għall-assistenza. Il-pulizija xehdu li l-appellant "prova jsuq għal fuq xi nies" u li kien qiegħed isuq "b'mod perikoluż" meta twaqqaf mill-uffiċjali tal-LESA. Fl-ewwel lok, dan hu kollu detto del detto u tali allegazzjoni bl-ebda mod ma ġiet ipprovata minn xi footages jew xhieda okulari. L- istess uffiċjali tal-LESA meta xehdu viva voce quddiem l-Ewwel Qorti qalu li wara li waqqfu lill-appellant minħabba li kellu puncture f'tyre tal-vettura, dan beda jirrejsja l-magna tal-vettura tiegħu u waqt li ħareġ rasu mit-tieqa beda jkanta mal-mużika li kien qiegħed idoqq b'volum għoli. Fl-ebda punt ma xehdu li l-appellant "prova jsuq fuq xi nies." Qalu li l-appellant ried jibqa' sejjer iżda waqaf meta ordnawlu li jieqaf tal-LESA. Dawk l-uffiċjali qalu wkoll li "innutaw riħa ta' xorb li kienet ġejja minn ġol-vettura" tal- appellant u peress li baqa' jinsisti li ried jibqa' sejjer, sejħu l-assistenza tal-pulizija.

Jingħad qabel xejn illi l-inċident in kwistjoni seħħ proprju kantuniera 'l bogħod mir-residenza tal-appellant li dak il-ħin kien fil-fatt sejjer lura d-dar. L-appellant, kuntrarjament għal dak li xehdu l-pulizija fl-affidavits tagħhom, m'għandux konoxxenza tajba tal-lingwa Maltija u lanqas dik Ingliża iżda jifhem u jitkellem ftit bit-Taljan. Dan il- fatt inġab a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti fil-bidu nett tal-proċeduri u fil-fatt ħatret interpretu biex jassisti lill-imputat billi jinterpretalu mill-Malti għat-Taljan waqt is-smiegħ tal-kawża. Tali language barrier kien fattur ewlieni f'dan l-episodju kollu iżda sfortunatament ġie għal kollox skartat mill-Ewwel Qorti. Kien evidenti illi l-appellant ma setax jikkomunika sew mal-uffiċjali pubblici u lanqas ma seta' jifhem sewwa dak li suppost kellu jagħmel. Aktar ma żdiedu l-uffiċjali fuq il-post, aktar beda jinfixel u jiffrustra ruħu. M'hemm l-ebda prova li xi ħadd minn dawk l-uffiċjali kellem lill-appellant bit-Taljan jew li ġie msejjah xi interpretu biex jassisti. PS826 xehed: "jien u il-Pulizija li kienu miegħi pruvajna nikkomunikaw ma' Neculai Dogaru b'lingwa li

jifhem...". Dan kollu ġie injorat mill-Ewwel Qorti. L-appellant obda lill-uffiċjali tal-LESA meta ordnawlu biex iressaq il-vettura tiegħu mal-genb tat-triq u l-istess ufficjali kkonfermaw fil-Qorti li saq b'mod normali waqt li ghamel dak mitlub minnu. Ix-xhieda tal-LESA kienet tikkontrasta ma' dik fl-affidavits tal-pulizija f'dan illi dawk tal-ewwel ma qalux li l-appellant kien qed isuq "b'mod perikoluz" izda biss li waqqfuh ghax kellu puncture fit-tyre u kellu l-volum tal-muzika gholi. Fil-fatt dak il-hin l-appellant kien biss kantuniera 'l boghod mir-residenza tieghu fejn kien sejjer. Huwa kien diga' twaqqaf meta waslu fuq il-post il-pulizija. Ghalhekk l-evidenza li ressqet il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tipprova li s-sewqan tal-appellant kien traskurat sia qabel ma waslu l-pulizija fuq ix- xena u lanqas wara meta l-vettura tal-appellant baqghet wieqfa l-hin kollu fil-genb tat- triq.

PS826 ikompli jghid li l-appellant "beda juri sinjali li kien fis-sakra u beda jhawwad fil- kliem ghalkemm kien konxju l-hin kollu." L-affidavits tat-tliet ufficjali l-ohra huma piu o meno identici. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova konkreta li l-appellant kien fis- sakra. Li l-pulizija jghidu li l-appellant "beda juri sinjali li kien fis-sakra" u li donnhom jipprovaw jattribwixxu t-tahwid fil-kliem tieghu ghal stat xurban huma kollha, fl-umli fehma tal-appellant, supposizzjonijiet u misinterpretazzjoni tas-sitwazzjoni li spicca fiha l-appellant meta sab ruhu affrontat minn numru mdaqqas ta' ufficjali pubblici, lkoll jitkellmu lingwa li hu ma kienx jifhem sew u li ghalhekk ma setax jikkomunika maghhom liberament. L-ufficjali tal-pulizija qalu li meta bdew jispjegaw lill-appellant "li jkun ahjar jekk jibqa' kalm," hu baqa' jghidlihom biex "ihalluh bi kwietu." Fl-ebda mument ma qalulu li kien taht arrest u hadd mill-ufficjali prezenti ma qal li l-appellant wera xi aggressivita' fil-konfront taghhom ghalkemm qalu li baqa' jgholli lehnu. Kien biss PS826 li qal illi "fhin bla waqt, waqt li kont qed inkellmu sabiex jikkalma huwa prova jaghti ta daqqa ta' ras lili go wicci fejn jien ersaqt u d-daqqa giet fil-vojt." Minghajr pregudizzju ghall-aggravju dwar l-ammissibilta o meno tal-bodycam footages, jinghad illi din l- allegata azzjoni da parte tal-appellant ma dehritx cara fil-bodycam footage li ntwera lill- Ewwel Qorti seduta stante. F'dak il-footage dehru hafna ufficjali u f'hin minnhom wiehed mill-pulizija deher jahtaf lill-appellant u jgebbed b'idejh it-tnejn il-flokk tal-appellant minn quddiem. Ghalkemm

vicin hafna tal-ufficjal, l-appellant ma rreagixxiex. Hinijiet minnhom deher l-appellant jersaq qrib l-ufficjali, izda fl-ebda hin ma deher juza xi forza kontrihom. L-ufficjali qalu li kellhom jimmanetjawh ghax beda "jissara" maghhom. L- appellant jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-footage ezibit hafna mill-hin kien nieqes mill-awdjo u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tkun taf ezattament il-kliem li ntqal bejn l-ufficjali u l-appellant u x'seta' wassal verament biex il-prezenza tal- pulizija donnha kompliet teskala s-sitwazzjoni. Partijiet mill-footage kienu neqsin mill- vizwal ghaliex il-camera tghattiet u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex stampa cara tas- sekwenza kollha u veritiera tal-incident. Ghalkemm il-pulizija qalu li mmanetjaw lill- appellant, fl-ebda mument ma qalulu li kien taht arrest. Wara li sejhu fuq il-post lil hu l- appellant, Viorel Dogaru, is-sitwazzjoni dehret li kkalmat, tant li l-appellant flimkien ma' huh dahlu fil-karozza tal-pulizija u ttiehdu fir-residenza ta' Viorel li tinsab fi Triq San Pietru, l-Imgarr, l-istess triq li fiha tinsab ir-residenza tal-appellant. Hadd mill-ufficjali li xehdu ma semma l-intervent tal-Ispettur Roderick Attard li deher fil-footage li ntwera fil-qorti. Meta dan l-Ispettur wasal fuq il-post lejn tmiem l-inkontru bejn l-ufficjali u l-appellant, huwa saqsa jekk xi hadd kienx wegga' f'dan l-incident u wara li accerta ruhu li kollox kien sew, idderiga lill-pulizija biex iwasslu lill-appellant id-dar u jkomplu bil- hidma taghhom.

L-ufficjali xehdu li "sa dan il-hin Neculai lahaq ikkalma ftit u tela' ma' huh fir-residenza ta' Viorel stess." Hu evidenti li matul l-episodju kollu, l-element ta' forza jew resistenza bi vjolenza jew b'hebb rikjest mil-ligi biex jissussisti ir-reat kontemplat taht 1-Artikolu 96 tal-Ligijiet ta' Malta, kien nieqes.

**L-Artikolu 96** jghid:

> *Kull min jattakka jew jagħmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni*

*tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti, jehel, meta jinstab hati...*

Hadd mill-pulizija ma xehed li kien hemm xi ordni ta' arrest, allura jkun hemm esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skond il-ligi, imma semplicement iz-zamma tal-buon ordni u dan jaqa' taht il-kliem li l-ligi tuza fl-Artiklu 95 li jikkontempla reat fil-konfront ta' "*wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz..*" L-appellant ma jinsabx akkuzat taht 1-Artikolu 95. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ippresjeduta mill-Prim' Imhallef Emeritus Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 fil-kawza **Pulizija vs Lawrence Attard** qalet:

*Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun se jarresta lil xi hadd, jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita is-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens tal-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-artikolu 95.*

Mid-deskrizzjoni tax-xena kif imfissra mill-istess ufficjali, fl-ebda mument ma qalu lill- appellanti li kien qieghed taht arrest izda qalu semplicement li kellhom jimmanetjawh ghax allegatment beda joffri rezistenza. Ma qalux meta nehhew il-manetti minn fuq l- appellant, izda qalu li sa ftit wara "lahaq ikkalma" u haduh flimkien ma' huh fir- residenza ta' huh.

Illi huwa ghalhekk li l-esponent umilment jissottometti li l-akkuzi dedotti kontrih ma jirrizultawx u konsegwentement ghandu jigi liberat minnhom.

C. **Piena Erogata**

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien tal-ħtija fil-konfront tal-esponent, huwa xorta jissottometti li l-piena erogata, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern għandha tkun waħda aktar mita. Illi qabel xejn għandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt m'ghandha sservi bhala tpattija.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo:**

> *Fil-verita l-iskop tal-piena mhuwiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil- ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l- bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

Illi huwa propju għalhekk illi ghal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond iċ-ċirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanċ gust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu...."

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t' Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'** ġie kkunsidrat li:

> "*Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi fuq il-fatti tal-kaz, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena ghandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Magistrati ma tkunx hadet xi zball fl-analizi tal-provi jew tal-Ligi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raguni valida ghaliex. Jekk pero l- Qorti tal- Magistrati tkun hadet xi zball, imbaghad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-izball tirrangah.*"

Illi l-ewwel nett, jibda biex jingħad illi l-appellant ilu s-snin jgħix Malta fejn għandu residenza u impjieg regolari u fiss ma' kumpanija privata fil-qasam tal-kostruzzjoni. Għandu wkoll rabtiet familjari f'Malta. Il-karattru tiegħu mhux wieħed refrattarju u fil-fatt ma ġiex akkużat bħala reċidiv. Meta ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jitqabblu ma' dawk ta' każijiet oħra deċiżi mill-qrati Maltin fuq l-istess materja, joħroġ ċar illi l-piena fil-każ tal-appellant kienet wisq aktar oneruza minn dik mogħtija f'kawżi oħra simili ukoll fejn iċ-ċirkostanzi kienu aktar gravi. Saħansitra kien hemm kawżi fejn l-uffiċjali pubbliċi sofrew offiza ta' natura ħafifa minħabba l-vjolenza jew ir-reżistenza fil-konfront tagħhom iżda l-piena kienet waħda ta' multa jew sentenza ta' priġunerija sospiża. Hekk per eżempju **Il-Pulizija vs Wayne Delia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021; **Il-Pulizija vs Charlon Privitelli** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-23 t'Ottubru 2024; **Il-Pulizija vs Reuben Boyce** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar 1-14 ta' Diċembru 2023. L-appellant ingħata terminu ta' priġunerija effettiva, multa li taqbeż il-minimu impost mil-liġi u mingħajr il-fakolta' li titħallas b'rati mensili, kif ukoll skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal sena, meta l-minimu li tikkontempla l-liġi għal tali skwalifika hu ta' tmint ijiem. Tali piena x'aktarx li se twassal lill-appellant biex jitlef l-impjieg tiegħu u ġġib tbatija fuq dawk li

jiddependu fuqu għall-għajxien tagħhom. Peress li xogħolu jirrikjedi liċenzja tas-sewqan valida, l-iskwalifika ordnata mill-ewwel Qorti hija aktar u aktar oneruza. Filwaqt li l-Qrati ta' Malta isostnu ħafna fuq l-aspett riformattiv tal-piena, din il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Għalkemm il-liġi trid tipproteġi lil dawk l-uffiċjali pubbliċi waqt il-qadi ta' dmirijiethom, aktar u aktar fid-dawl ta' inċidenti aktar riċenti li seħħew fis-soċjeta' tagħna, dan ma jfissirx illi kull akkuża li tikkonċerna tali uffiċjali bħala vittmi għandha bilfors timmerita piena ta' priġunerija effettiva.

Illi din il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq in-nullita' tas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Novembru 2024 għat-12 ta' Ġunju 2025.

**Ikkunsidrat**,

Illi għalkemm formalment ma tqajmet ebda eċċezzjoni formali dwar in-nullita' tas-sentenza mogħtija fl-5 ta' Novembru 2024 li minnha qiegħed jiġi interpost dan l-appell, ġie issenjalat il-fatt illi fir-rikors tal-appell tal-imputat illi teżisti n-nuqqas ta' sentenza iżda biss notamenti tal-Maġistrat li ppresjda l-każ u dan mingħajr ebda motivazzjoni.

F'dan ir-rigward issir referenza għal-artikoli 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:

> '*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Għalhekk dan l-artikolu ma jistipulax li sentenza għandha tindika l-motivazzjonijiet li fuqhom il-Qorti tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha. Madankollu fejn sentenza ma tindikax tali motivazzjonijiet, tpoġġi ż-żewġ partijiet ossia kemm l-eventwali appellant u l-appellat f'diffikulta.

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. A. Grech) vs Joslann Brignone'</u>**[1] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

> *'Illi fl-ewwel lok u qabel kollox, minkejja li l-Avukat Generali ddikjara li l-paragrafu fir-rikors ta' l-appell li jittratta dwar nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza appellata, m'ghandux jitqies bhala aggravju intiz biex jikseb in-nullita' tas-sentenza, din il-Qorti thossha xorta wahda fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil- Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il- motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi f' kawzi fejn l- akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl- artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl- assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il- Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Frar, 2007 (Appell numru 411/2006)

*"Ikkonsidrat" "Ghal dawn il-motivi" (**bla ma tkun semmiet l-icken motiv wiehed**) issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*Illi tali stezura, apparti li ma taghmilx sens mil-lat logiku, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall- parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant.*

*Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal- Qorti involuta.*[1]

In oltre, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-każ **<u>Pulizija vs Stephen Desira</u>** deċiża (Appell Numru 205/2005) fit-3 ta' Novembru, 2005 qalet li:

*'......... Hu risaput li fis-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-kompetenza tagħha kontemplata fl-artikolu 370 (1) tal-Kodiċi Kriminali, ma hux meħtieġ li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata. Li hu importanti ad validitatem hu li, kif jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti, meta tagħti ssentenza kontra l-imputat, tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*

*Huwa n-nuqqas ta' xi waħda minn dawn it-tlitt rekwiżiti li jwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata, stante li jkun jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.*

**Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet peress li hija kawża sommarja u l-motivazzjoni mhux waħda mir-rekwiżiti x'għandu jkun hemm fis-sentenza skont**

**l-artikolu hawn fuq ċitat u skont il-ġurisprudenza, s-sentenza ma hijix waħda nulla u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

Din il-Qorti pero' tinnotta li minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża fl-5 ta' Novembru 2024, fil-jum li kien fih jiskadi t-terminu tal-appell tal-imputat, is-sentenza ta' sejbien ta' ħtija kienet tikkonsisti biss f'notamenti magħmula mill-Maġistrati fuq il-komparixxi. Fil-fatt fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025 din il-Qorti kif preseduta ordnat li s-sentenza miktuba bl-idejn fuq il-komparixxi tiġi dattilografata stante li tali kaligrafija kienet indeċifrabbli u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni aħjar li tieħu konjizzjoni ta' l-istess sentenza.

Illi ma huwix ekwu u ġust li parti li tkun tixtieq tappella ma jkollix is-sentenza f'idha sabiex tkun tista' tipprepara aħjar ir-rikors tal-appell tagħha. Sfortunament dan huwa fenomenu li qiegħed isir aktar komuni, possibilment minħabba l-ammont kbir ta' kawżi li ġudikant ikun qiegħed jippresjedi. Dan pero' ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-imputat jew tal-Avukat Ġenerali li jkollu kopja tas-sentenza sabiex jimmotiva u jipprepara aħjar l-appell tiegħu u għalhekk l-imputat għandu jkollu l-fakolta li jiġbor kopja tas-sentenza mogħtija dakinhar li tingħata sabiex b'hekk it-terminu mogħti bil-liġi sabiex jintavola appell ma jiġix imnaqqas.

F'dawl ta' dan din il-Qorti tirrakommanda illi ssir emenda fil-Liġi sabiex meta ssir talba formali permezz ta' rikors li fih jintalab kopja dattilografata tas-sentenza mogħtija, tali rikors għandu jingħadda lil Ġudikant li jkun ta' tali sentenza fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa, u l-istess Ġudikant imbagħad ikollu jumejn massimu sabiex jipprepara kopja dattilografata tas-sentenza mogħtija u dan sabiex it-terminu mogħti bil-liġi sabiex jiġi ntavolat rikros tal-appell ma jiġix imtifes.

Din il-Qorti tordna li kopja kemm ta' dan is-sentenza u kemm dik tal-Prim Awla tiġi minnufih trasmessi lill-Ministru tal-Ġustizzja.

**Dr Consuelo Scerri Herrera** — **Maria Grech**

**Imhallef** — **Deputat Reġistratur**